MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 472/2006

**Michael Attard Holdings Limited gia**
**Michael Attard Limited (C6093)**

**Vs**

**Quality Group (Malta) Limited gia Quality**
**Turnkey Contractors Limited (C27986)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,342.90c) rapprezentanti import ta' tlettax-il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,342.90c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------